31989D0189

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Frar 1989
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kanada fir-rigward tan-negozju u l-kummerċ f'xorb alkoħoliku

(89/189/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi fis-17 ta' Diċembru 1988 il-Kanada u l-Komunità, fid-dawl tas-sejbiet u tal-konklużjonijiet tal-*Penil* tal-GATT dwar l-Importazzjoni, id-Distribuzzjoni u l-Bejgħ ta' Xorb Alkoħoliku minn Aġenziji Provinċjali Kanadiżi għat-Tqegħid fis-Suq, laħqu kompromess, fil-forma ta' Ftehim;

Billi l-Ftehim imsemmi għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kanada fir-rigward ta' negozju u kummerċ f'xorb alkoħoliku u l-Iskambji ta' Ittri annessi magħhom huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test ta' l-istrumenti msemmija fis-subparagrafu preċedenti huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jaħtar il-persuna mogħtija s-setgħa tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Frar 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

F. FERNANDEZ ORDOÑEZ